MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2009

Talba Numru. 678/2007

**Lawrence Fenech u Maria Dolores Fenech**

**vs**

**Christopher Brown**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas ta’ sitt mija u wiehed u tletin Euro u sitta u ghoxrin centezmi (€631.26), gja mitejn u wiehed u sebghin liri Maltin (Lm271), rapprezentanti hlas ta’ arretrati ta’ konsum ta’ dawl u elettriku li l-konvenut ghamel waqt li kien qed jikri l-fond, proprjeta’ tal-atturi, bl-isem ta’ No.4 ‘Santa Marija Flats’, Triq Santa Marija, San Pawl il-Bahar.

Bl-ispejjez u bl-interessi, u b’hekk il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta ssollevata mill-konvenut fejn intqal illi t-talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, u '*in oltre'* l-ammont mitlub mhux dovut fl-intier tieghu kif ser jigi ppruvat.

Ghaldaqstant, it-talba ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-atturi.

Ra d-dokumenti kollha ezebiti fl-atti tal-kawza.

Sema' x-xhieda ta' Doris Fenech, Eric Montfort, Christopher Brown, u Joseph Caruana.

**Ikkunsidra**

Illi din il-kawza titratta dwar rizarciment ta' hlas ta' konsum ta' elettriku allegatament maghmul mill-konvenut waqt li kien qieghed jirrisjedi f'proprjeta' appartenenti lill-atturi, liema talba giet ikkontestata mill-konvenut. Illi l-konvenut kien kera l-fond numru 4, 'Santa Marija Flats', San Pawl il-Bahar, mill-Harifa tas-sena 2005 sas-27 ta' Mejju, 2007 u kien infurma lill-atturi illi huwa kien hallas il-kontijiet kollha. Illi mix-xhieda tal-atturi gie kkonfermat illi l-ammont tat-talba ghandha tinkludi biss il-konsum tad-dawl sas-27 ta' Mejju, 2007, li baqa' pendenti sakemm hareg mill-fond il-konvenut, peress illi l-kontijiet ta' l-ilma kienu kkontestati minhabba xi hsarat konsistenti f'perkolar kontinwu ta' ilma mill-istess fond.

Il-konvenut xehed illi huwa kien okkupa l-fond tal-atturi minn Ottubru, 2005 sal-ahhar ta' Mejju, 2007. Illi rrizulta fatt mhux ikkontestat illli l-kontijiet ta' dawl u ilma kienu baqghu f'isem l-atturi, izda huma kienu jghaddu l-kontijiet lill-konvenut sabiex ihallashom huwa direttament lill-Korporazzjoni koncernata. Illi fil-5 ta' Gunju, 2007, wara li l-kirja giet itterminata, il-konvenut kien mar direttament ghand il-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma gewwa l-Belt Valletta sabiex ihallas il-kontijiet pendenti li kellu, u kien hallas mitt lira Maltin (Lm100), ekwivalenti ghal mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmi (€232.94), fil-kont u ma hallasx il-kont ta' l-ilma. Irrizulta mill-'*istatement*' ezebit mil-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma, illi sa Gunju, 2007, wara li l-konvenut kien hallas mitt

lira Maltin (Lm100), ekwivalenti ghal mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmi (€232.94), fil-kont, fil-5 ta’ Gunju, 2007, kien hemm pendenza ta’ tlieta u disghin liri Maltin u tnejn u ghoxrin centezmi (Lm93.22), ekwivalenti ghal mitejn u sbatax-il Euro u erbtax-il centezmi (€217.14). Illi l-konvenut sostna illi dawk il-pendenzi kienu ghall-konsum ta’ l-ilma li kien qieghed jigi kkontestat, kemm mill-konvenut u kemm mill-atturi. Illi minn dokumenti ezebiti in atti jirrizulta illi kien gie mnaqqas certu ammont mil-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta’ l-Ilma minhabba xi hsarat li kien hemm, u ghalhekk il-kont f’isem l-atturi gie kkreditat. Mill-provi jirrizulta illi wara li l-konvenut kien mar ihallas il-pendenzi tieghu direttament ghand il-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta’ l-Ilma fil-5 ta’ Gunju, 2007, kien inhareg kont ‘*actual*’ mid-Dipartiment fit-23 ta’ Awissu, 2007 u ghalhekk kien fadal pendenzi ta’ kontijiet bejn Frar u l-ahhar ta’ Mejju, 2007 li l-konvenut ma kienx jaf bihom. Illi tul il-kirja, il-konvenut kien jiehu hsieb ihallas il-kontijiet regolarment, izda meta huwa mar sabiex ihallas il-kont fil-5 ta’ Gunju, 2007 huwa kien hallas l-ahhar kont li kien hareg bhala ‘*estimate*’ fi Frar, 2007, u mhux dak sussegwenti li huwa dak ‘*actual*’.

It-Tribunal jirrilleva illi meta l-konvenut mar sabiex ihallas l-ahhar pendenzi fil-kontijiet, huwa kien hallas u salda l-kont ghad-dawl biss, sa Jannar, 2007 peress illi ma kienx ghadu inhareg il-kont ghal konsum bejn Frar u Mejju, 2007 u l-konvenut lanqas ma kien staqsa ghal kont ‘*actual*. Illi mix-xhieda taz-zewg partijiet jirrizulta illi meta l-kirja intemmet, hadd mill-partijiet ma ha l-qari tal-‘*meter’.*

Illi ghalhekk kien jifdal illi jigu ccarati l-kontijiet ‘*actual*’ bejn Frar u Mejju, 2007 liema kont jinkorpora ukoll sahansitra ‘*surcharge*’ ghal konsum fi zmien meta huwa ma kienx jabita fil-fond in kwistjoni u ghalhekk ghandu jigi mnaqqas. Illi f’Awissu, 2007 inhareg kont ta’ erba’ mija u hdax-il-lira Maltin u wiehed u tletin centezmi (Lm 411.31), ekwivalenti ghal disa’ mija u tmienja u hamsin Euro u disa’ centezmi (€ 958.09), izda dan kien jinkorpora kontijiet eccessivi ta’ l-ilma kif ukoll ta’ ‘*surcharge*’, u xi ftit xhur kera wara li kien hareg mill-fond. Illi gie stabbilit mix-xhieda tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta’ l-Ilma illi l-kont kien gie

kkreditat b'certu ammont izda ma kienx possibli jigi accertat jekk il-hlasijiet kienu marru ghall-ilma jew ghad-dawl.

Illi t-Tribunal ezamina u evalwa l-provi kollha migjuba quddiemu mill-partijiet, inkluzi l-provi dokumentali ezebiti in atti. Illi mill-provi ezebiti jirrizulta lit-Tribunal illi dan kellu jkun ezercizzju aritmetiku illi seta' jigi diskuss, maqbul u miftiehem bejn il-partijiet wara accertazzjoni akkurata mal-Korporazzjoni koncernata tal-kontijiet kollha, inkluzi xi krediti li kellhom isiru, u dan kellu jsir qabel ma nfethet din il-kawza.

Irrizulta mill-provi illi kien hemm xi skular eccessiv ta' ilma, u dan kien qieghed jigi rifless fil-kont tal-ilma illi kienu qed jircievu. Illi rrizulta illi kien hemm xi hsarat fil-pajpijiet tal-ilma minn naha tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma, izda l-problema eventwalment giet solvuta ferm wara t-tluq mill-fond tal-konvenut u l-atturi gew kreditati certu ammont fil-mori tal-kawza. Illi skont l-'*istatement'* pprezentat in atti jidher illi l-'*credit'* kien dahal fil-15 u s-16 ta' Novembru, 2007 fil-mori tal-kawza.

Illi wara ezaminazzjoni akkurata tal-provi dokumentali ezebiti in atti, jirrizulta lit-Tribunal illi, meta l-konvenut fil-5 ta' Gunju, 2007 mar ihallas il-kont pendenti, huwa ma kienx hallas ghall-ilma ghaliex kien hemm xi hsarat fil-pajpijiet ta' l-ilma. Illi ghalhekk dawk it-tlieta u disghin liri Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm93.22), ekwivalenti ghal mitejn u sbatax-il Euro u erbatax-il centezmu (€217.14), ma kellhomx ikunu dovuti.

Illi fil-mori tal-kawza, f'Novembru 2007, irrizulta illi l-atturi gew kreditati b'ammont ta' mija u tmienja u erbghin liri Maltin u sitta u hamsin centemzu (Lm148.56), ekwivalenti ghal tlett mija u sitta u erbghin Euro u hames centezmi (€346.05), ghall-kont eccessiv ghal perjodu meta l-konvenut kien ghix fil-fond tal-atturi. Illi l-atturi gew kreditati tmienja u erbghin liri Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm48.56), ekwivalenti ghal mija u tlettax-il Euro u hdax-il centezmu (€113.11), ghall-kont tal-elettriku illi ghandhom jigu mnaqssa. Illi l-atturi qeghdin jippretendu

illi l-konvenut ihallas ukoll '*surcharge*' tad-dawl sahansitra meta huwa ma kienx qed jabita fil-fond, u fuq kalkolu tat-Tribunal ghandu jigi mnaqqas hamsa u tletin liri Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm35.36), ekwivalenti ghal tnejn u tmenin Euro u sebgha u tletin centezmu (€82.37) '*surcharge'* ghad-dawl ghal perjodu ta' Gunju u Lulju, 2007. Illi t-Tribunal huwa konvint illi l-konvenut, fil-5 ta' Gunju, 2007, hallas il-kont '*actual*' li kien hareg fi Frar, 2007 u ghaldasqtant kien salda l-kont ghax-xhur precedenti, u mhux ghax-xhur bejn Frar u Mejju 2007.

It-Tribunal jirrelleva illi l-konvenut ma setghax jaghmel kalkolu a bazi ta' medja kif xehed huwa stess, peress illi l-kontijiet jinbidlu skont is-'*surcharge*' mahrug mill-Korporazzjoni tghas-Servizzi a' l-Ilma. Illi l-kont tad-dawl kien ferm gholi minn dak ta' qablu, ghalhekk il-medja ta' konsum mill-konvenut kien oghla tul iz-zmien.

Mid-dokumenti ezebiti in atti jirrizulta illi meta l-konvenut ghamel l-ahhar pagament lill-Korporazzjoni ta' Ilma fil-5 ta' Gunju, 2007 ta' mitt lira Maltin (Lm100), ekwivalenti ghal mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmi (€232.94), huwa kopra hlas bejn is-6 ta' Lulju, 2006 sas-7 ta' Jannar, 2007. Illi l''*actual reading'* ta' warajh kien sar fit-13 ta' Lulju, 2007 u li l-kont tad-dawl kien lahaq mitejn liri Maltin u tnejn u disghin centezmu (Lm200.92), ekwivalenti ghal erba' mija u tmienja u sittin Euro u zewg centezmi (€468.02), u li fih inkorpora '*surcharge'* ghall-uzu meta huwa kien diga telaq mill-fond. Illi gie stabbilit li mill-ahhar kont mahrug fit-8 ta'Frar, 2007 sa dak mahrug fit-23 ta' Awissu, 2007, kien thallas l-ammont ta' mitt lira Maltin (Lm100), ekwivalenti ghal mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmi (€232.94) biss fil-5 ta'Gunju, 2007 mill-konvenut eskluz kont ghall-ilma li ma xtaqx ihallas peress il-kont kien qieghed jigi ikkontestat. Illi wara l-5 ta' Gunju, 2007 kien hemm kont li kien ghadu ma nharigx ghax-xhur bejn it-8 ta' Jannar sas-27 ta' Mejju, 2009.

It-Tribunal jikkonkludi illi meta l-atturi pprezentaw l-avviz, huma ghamlu talba ghal konsum ta' dawl u elettriku, izda fix-xhieda tal-attrici hija qalet illi t-talba kienet biss ghal

konsum tal-elettriku. Illi ghalhekk it-Tribunal ha jibbaza l-kalkoli biss fuq il-kontijiet tad-dawl, hekk kif mahruga mill-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma.

Illi t-Tribunal jirrilleva illi dan il-kaz kellu jkun wiehed ta' kalkolu aritmetiku bejn il-partijiet. Illi l-atturi ntavolaw il-kawza fil-11 ta' Settembru, 2007 meta kienu ghadhom kif ircevew l-ahhar kont. Illi l-atturi fic-cirkostanzi kellhom id-dover illi jiccaraw mal-konvenut is-sitwazzjoni, partikolarment meta huwa kien taht l-impressjoni illi kien hemm xi zbalji fil-kontijiet, kif fil-fatt irrizultaw meta fil-mori tal-kawza l-atturi gew kreditati b'ammont mill-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma xahrejn wara li giet intavolata l-kawza. It-Tribunal huwa konvint illi t-talba tal-atturi hija bbazata fuq kalkolu mhux ghal kollox akkurat. Illi huwa fatt illi t-talba kienet maghmula originarjament ghal konsum ta' dawl u ilma. Illi t-Tribunal huwa konvint illi l-atturi ma spjegawx lill-konvenut b'mod preciz u akkurat kif wasslu ghall-konkluzzjonijiet tal-kont qabel ma nfethet il-kawza. Illi fil-fehma tat-Tribunal, din il-kawza setghet facilment tigi evitata. Illi in konkluzjoni, mill-provi dokumentali jirrizulta lit-Tribunal illi l-konvenut huwa debitur lejn l-atturi ghal kontijiet li rrizultaw mhux imhallsa minnu, izda t-Tribunal jirrilleva illi l-kawza kienet intempestiva u bbazata fuq kalkolu hazin, u ghaldaqstant il-konvenut m'ghandux ibati ghall-ispejjez kollha tal-kawza.

Ghalhekk, wara li jitnaqqas l-ammont ta' tlieta u disghin liri Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm93.22), ekwivalenti ghal mitejn u sbatax-il Euro u erbatax-il centezmu (€217.14), ghall-konsum zejjed ta' ilma, tmienja u erbghin liri Maltin u sitta u hamsin centezmi (Lm48.56), ekwivalenti ghal mija u tlettax-il Euro u hdax-il centezmu (€113.11), kreditu moghti lill-atturi ghal konsum ta' l-elettriku fil-mori tal-kawza, kif ukoll ghandu jigi mnaqqas l-ammont ta' hamsa u tletin liri Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm35.35), ekwivalenti ghal tnejn u tmenin Euro u erbgha u tletin centezmi (€82.34), '*surcharge*' u kera zejda tad-dawl meta l-konvenut ma kienx qieghed jghix fil-fond, it-Tribunal jasal ghal konkluzjoni illi ghandha tigi mnaqqsa s-somma ta' mija u sebgha u sebghin liri Maltin u erbatax-il

centezmu (Lm177.14), ekwivalenti ghal erba' mija u tnax-il Euro u tlieta u sittin centezmu (€412.63), mill-ammont tat-talba u ghalhekk it-Tribunal '*arbitrio boni viri*' qieghed jirriduci s-somma mitluba ghal tlieta u disghin lira Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm93.86), ekwivalenti ghal mitejn u tmintax-il Euro u tlieta u sittin centezmi (€218.63).

Ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' '*in parte'* t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma limitata ta' mitejn u tmintax-il Euro u tlieta u sittin centezmi (€218.63), gja tlieta u disghin liri Maltin u sitta u tmenin centezmi (Lm93.86) bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sall-pagament effettiv.

Spejjez tal-kawza: tlett kwarti (¾) a karigu tal-atturi u kwart a karigu (¼) tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------